IN-NAZZJON
Editur: Alex Attard
Media.Link Communications Co. Ltd. 2, Triq Herbert Ganado, Pietà PTA 1450
P.O. Box 37, Ħamrun PTA 1000 e-mail: news@media.link.com.mt
Tel: 21243641/2/3 Fax No. 21242886
Dipartiment tal-Avviżi Tel: 25965-317/407/232 21239123 Fax: 21240261
E-mail: advertising@media.link.com.mt

L-EDITORJAL

# Stedina għal dibattitu serju dwar l-UE

Il-Gvern illum jagħti bidu għal proċess ieħor ta' konsultazzjoni. Din id-darba, l-eżerċizzju ta' konsultazzjoni li se jibda, irid mhux biss ikompli iżda jiżviluppa u jibqa' għaddej b'ritmu wieħed u kostanti mal-partiti politiċi, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili. Il-konsultazzjoni se titratta l-Unjoni Ewropea — tema li llum il-ġurnata m'għadhiex aktar tifred lill-partiti politiċi. Għal kuntrarju, hekk kif il-Partit Laburista baxxa rasu għar-rieda tal-poplu u aċċetta, sa fl-aħħar, ir-realtà li l-poplu għażel it-triq tas-sħubija fl-UE, l-interess tal-pajjiż issa hu wieħed — dak li nagħmlu kull suċċess mill-esperjenza ta' pajjiżna u tal-poplu tagħna tas-sħubija bħala poplu parti mill-proċess Ewropew.

### Ħajja ġdida lill-MEUSAC

Jiem biss wara li l-Partit Nazzjonalista rebaħ l-elezzjonijiet ġenerali tat-8 ta' Marzu, il-Prim Ministru Lawrence Gonzi wettaq il-wegħda elettorali li d-diskussjoni li tant ħalliet frott fil-proċess tas-sħubija qabel ma pajjiżna ssieħeb uffiċjalment, terġa' tingħata ħajja u terġa' jwaqqaf il-Kumitat ta' Azzjoni bejn Malta u l-UE, jew kif sar magħruf bħala l-MEUSAC.

Il-MEUSAC illum se jibda l-ewwel laqgħa tiegħu fi żmien li l-Gvern għaddej b'eżerċizzju ta' konsultazzjoni dwar diversi setturi u oqsma ta' importanza għas-soċjetà tagħna.

Iżda l-ħajja li qed terġa' tingħata lill-MEUSAC hi żvilupp li se jiftaħ proċess ta' konsultazzjoni li minnu għandu biss x'igawdi l-poplu tagħna. Il-politika dwar l-UE m'għadhiex aktar politika marbuta mal-affarijiet barranin ta' pajjiżna.

### Il-politika tal-UE ngħixuha kuljum

L-UE qegħdin ngħixuha lkoll kemm aħna kuljum. Il-fondi allokati mill-UE għal Malta qegħdin ingawduhom kuljum. Il-politika li titfassal għall-pajjiżi msieħba tolqot direttament kull wieħed u waħda minnha u rridu jew ma rridux, obbligati li nosservawha. Għaldaqstant hu pass importanti u għaqli li l-Gvern ma jkunx waħdu fil-kontribut ta' pajjiżna għat-tfassil tal-liġijiet Ewropej.

Il-MEUSAC se jiddiskuti mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili dak kollu li hu propost li jkun il-liġi tal-UE. Quddiem dan ix-xogħol li hu mitlub minn kull rappreżentant li jifforma parti mit-tim tal-MEUSAC, l-interess għandu jkun wieħed — dak li kulħadd jiġbed ħabel wieħed mhux biss biex jitħarsu setturi partikolari li jistgħu jkunu affettwati mill-politika tal-UE, iżda aktar minn hekk, li dak li nersqu bih quddiem l-UE ikun fl-interess ukoll tal-poplu tagħna.

Il-MEUSAC se jiftaħ pjattaforma għas-soċjetà tagħna li għall-ewwel darba, se jkollha l-opportunità li tiddibatti b'serjetà l-Unjoni Ewropea. Għall-ewwel darba, mingħajr l-interess partiġġjan, l-Ewropa se tkun tista' tiġi diskussa, analizzata u mpoġġija taħt il-lenti għall-iskrutinju ta' kulħadd f'interess wieħed — dak tal-poplu tagħna.

Konsultazzjoni li minnha, is-soċjetà ċivili tagħna għandha tkompli tenfasizza u tmexxi 'l quddiem il-valuri tas-solidarjetà, tal-ġustizzja soċjali u l-proċessi għall-paċi. It-tmexxija tal-MEUSAC li se tkun fir-responsabbiltà tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni, u l-preżenza wkoll tar-Rappreżentant Permanenti tal-UE l-Ambaxxatur Richard Cachia Caruana, flimkien ma' esperti indipendenti, għandha tkompli tagħti saħħa lil dan il-proċess ta' konsultazzjoni biex jintlaħqu l-miri ewlenin li fuqhom qiegħed jerġa' jitwieled il-MUESAC – dak ta' konsultazzjoni, ta' informazzjoni u r-riċerka, u s-sostenn għall-programmi u fondi tal-UE.

### Strument ta' konsultazzjoni effettiv

L-istedina mill-Gvern għal konsultazzjoni serja dwar l-Unjoni Ewropea qiegħda hemm. Hi responsabbiltà ta' kull min se jipparteċipa fil-MEUSEC li din l-istruttura, li għaliha wkoll il-Gvern ħatar lil Vanni Xuereb bħala l-Kap tal-MEUSAC, tissarraf u tiżviluppa fi strument ta' konsultazzjoni effettiv.

# Volontarjat Għawdxi b'saħħtu u matur



minn Salvu
FELICE PACE
sfp@mail.global.net.mt

Minn mindu sirt midħla tas-soċjetà Għawdxija fis-snin 90, qatt ma waqaft napprezza l-voluntarjat Għawdxi. Għira ċkejkna b'qalb kbira. Kull settur tal-ħajja Għawdxija jgawdi minn sigħat twal ta' xogħol volontarju. Ħin mogħti minn individwi u gruppi ta' kull klassi soċjali.

Jekk insemmu l-OASI, il-Fondazzjoni Arka, ir-*Red Cross*, l-i*Scouts*, il-*clubs* tal-football, il-kumitati tal-festi, il-ħbieb tal-morda u l-anzjani, l-arti ta' kull sura, il-korijiet, il-baned u ħafna aktar... dawn kollha jiddependu mix-xogħol ta' numru kbir ta' rġiel u nisa Għawdxin li huma dedikati għal xi kawża jew oħra. Ħafna drabi l-istess persuni huma involuti f'diversi oqsma ta' volontarjat.

L-introduzzjoni tal-Kunsilli Lokali kif ukoll is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea taw spinta kbira lill-volontarjat Għawdxi. Il-Kunsilli bl-għajnuna finanzjarja li jagħtu lil diversi għaqdiet b'mod regulari u s-sħubija fl-UE bl-inċentivi li tagħti biex jissaħħu l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-NGOs.

Għalhekk kien tassew pass għaqli u ta' sodisfazzjon, it-twaqqif *tal-Gozo Action Group*, (GAG), li ġab flimkien il-Kunsilli Lokali, l-NGOs u l-korpi kostitwiti Għawdxin, bl-għan li tiġi promossa l-iskema *LEADER* tal-UE fil-gżira.

Gvern immexxi mill-Partit Nazzjonalista minn dejjem emmen fil-volontarjat u ma jiddejjaqx jiġi kkritikat minnu minn żmien għal ieħor. Kien il-Ministeru għal Għawdex li kien fetaħ iċ-Ċentru NGO fix-Xewkija minn fejn tingħata għajnuna fit-tmexxija ta' dawn l-għaqdiet u issa l-Ministeru fetaħ l-*EU Programmes Information Unit* biex il-GAG tingħata l-għajnuna kollha possibbli ħalli din tiżviluppa u tagħti l-frott mixtieq b'saħħet l-inizjattiva *LEADER*.

Dan l-aħħar l-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu għal Għawdex (GTA) tat l-approvazzjoni tagħha biex tingħata spinta l-proposta li f'Għawdex ikollna *airstrip* li fuqha jinżlu ajruplani *fixed-wing*. L-aċċessibbiltà tal-gżira b'kull xorta ta' trasport hi kruċjali għall-iżvilupp sostenibbli tal-gżira. Hemm pjani li din l-*airstrip* flok ma tnaqqas mill-ambjent sabiħ Għawdxi, tista' tkompli żżid il-valur tiegħu. L-Assoċjazzjoni wiegħdet li lesta biex taħdem mill-qrib mal-Gvern biex jitwettaq dan il-proġett.

Għawdex jiġbed lejh numru sabiħ ta' residenti u turisti anzjani li jippreferu li jħallu l-gżira permezz ta' servizz bl-ajru fi triqthom lejn destinazzjonijiet oħrajn. Dawk li qed jaħdmu fuq dan il-proġett iridu jinsistu li jkun hemm faċilitajiet ta' *check-in* minn Għawdex stess, għax mingħajr din il-faċilità l-proġett jista' ma jkunx sostenibbli biżżejjed.

Bil-GAG, il-volontarjat Għawdxi laħaq livelli ġodda ta' maturità. Issa jrid jasal biex jagħti sehemu fl-iżvilupp tal-gżira.




**Ikompli bl-isforzi tiegħu biex jogħġob lil kulħadd**